TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 125/18/F

**Andrew Darmanin**

**vs**

**Top Choice**

Illum 25 t'April, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 t'Awwissu, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, disgħa u għoxrin ewro (€129), rappreżentanti prezz ta' camera ta' taħt il-baħar, li daħlilha l-ilma wara li ntużat.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara camera ta' taħt il-baħar għall-prezz ta' mija, disgħa u għoxrin ewro (€129), u wara li użha ftit drabi fejn iddikjara li niżel biss fil-wiċċ ta' l-ilma, din il-camera ma baqgħetx taħdem.

L-intimat issottometta li żgur niżel iktar minn 7 metri, għax jidher li kien daħal l-ilma.

It-Tribunal, jinnota illi ovjament daħal l-ilma f'din il-camera u sarilha l-ħsara, pero' mhux qed jemmen il-verżjoni ta' l-intimat fejn qal illi din niżlet iktar minn 7 metri, illi jfisser ċirka ftit 'il fuq minn 20 pied, illi biex tinżel 20 pied trid tkun almenu diver u ma jirriżultax li din intużat għal xi diving expedition, imma intużat ftit taħt l-ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitt ewro (€100), u b'dan illi l-camera tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888